# ID-DAWL

JANNAR 2020 | WWW.AHMADIYYA.MT | NUMRU 25


"Huwa Alla... is-Sovran,
il-Qaddis, is-Sors ta' Paċi."





Dar is-Sliem | Ikla Festiva għan-Nanniet | Iż-Żerriegħa tal-Paċi | Soċjetà Magħquda

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IR-RIŻOLUZZJONIJIET TAGĦNA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Meta tibda sena ġdida, hija tradizzjoni li n-nies jawguraw "is-Sena t-Tajba" lil xulxin. Ħafna nies iħejju pjanijiet u riżoluzzjonijiet differenti għas-sena li tkun se tibda. F'ħafna partijiet tad-dinja, is-Sena l-Ġdida tiġi ċċelebrata bil-festi, bix-xorb u b'wirjiet ta' logħob tan-nar tul il-lejl kollu. Kif għandna nibdew is-Sena l-Ġdida? X'għandhom ikunu r-riżoluzzjonijiet tagħna? Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Messija Mwiegħed[as], qal: **"Hija r-regola għall-ġusti li jqattgħu ħajjithom fil-manswetudni u l-umiltà."** Dan ifisser li għandna ngħixu ħajjitna f'konformità mal-kmandamenti t'Alla li hija ħajja ta' sempliċità. Is-Sena l-Ġdida m'għandhiex tkun eċċezzjoni.

Ir-riżoluzzjonijiet tagħna għas-Sena l-Ġdida għandhom jagħmluna nies aħjar, kemm fid-dar kif ukoll fil-komunità, jgħinuna biex niksbu qrubija m'Alla, u biex insiru persuni li verament nixtiequ l-ġid lill-umanità. M'għandniex inżommu r-riżoluzzjonijiet tagħna għal ftit ġranet biss, iżda nsegwuhom sakemm isiru drawwa regolari.

## ID-DAWL

Jannar 2020 – Numru 25 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

Our Resolutions 02
The Abode of Peace 03
Lunch for the elderly 03
The Seeds of Peace 04
Cohesive Society 06
Donation of Gift Hampers 08

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
**Il-Qoxra:** Pictrider | Shutterstock

## DAR IS-SLIEM

Alla l-Omnipotenti jgħid fil-Koran Imqaddes:

> "U Alla jsejjaħ għal dar is-sliem, u lil min irid imexxi fit-triq is-sewwa. Għal dawk li jwettqu għemil tajjeb, se jkun hemm l-aqwa premju u fl-istess ħin aktar barkiet. U la d-dlam u lanqas l-għajb mhu se jostrulhom wiċċhom. Dawn se jkunu r-residenti tal-Ġenna; hemmhekk huma se jgħammru. U għal dawk li jwettqu affarijiet ħżiena, il-kastig tal-ħażen għandu jkun talikwali, u se jimtlew bid-diżunur. Mhu se jkollhom lil ħadd li jipproteġihom minn Alla. U se jidhru bħallikieku wiċċhom tgħatta bi rqajja' skuri tal-lejl. Huwa dawn li se jkunu r-residenti tan-Nar; hemmhekk huma se jgħammru." (10:26-28)

## IKLA FESTIVA GĦAN-NANNIET



Fid-29 ta' Diċembru 2019, fiċ-Ċentru Familja Mqaddsa fl-Imsida iktar minn mitt persuna li normalment ikunu fis-solitudni ngħaqdu flimkien f'ikla tradizzjonali mħejjija mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta.

L-Imam Laiq Ahmed Atif qal li f'dan iż-żmien ta' festi ħassew il-bżonn li jorganizzaw din l-ikla għall-anzjani u nanniet li jbatu mis-solitudni. L-isbaħ ħaġa hi li niċċelebraw dawn il-mumenti ma' ħaddieħor għax fl-aħħar mill-aħħar l-umanità hija komuni bejnietna u nħobbu l-umanità mill-qalb tagħna.

# IŻ-ŻERRIEGĦA TAL-PAĊI

Bil-grazzja u l-barkiet t'Alla waslet fuqna sena ġdida – is-sena 2020. Fil-bidu ta' kull sena ġdida, ħafna nies jissettjaw ċerti għanijiet li jkunu jridu jilħqu matul is-sena, bl-oġġettiv ewlieni jkun li jsiru persuni aħjar reliġjożament, moralment u spiritwalment. F'kuntest usa', in-nies jittamaw u jitolbu li jkollna dinja aħjar fl-aspett ekonomiku, soċjali u paċifiku.

Biex nilħqu dawn l-għanijiet u nibdlu l-ambjent attwali li ngħixu fih f'dinja aħjar, aktar għanja u paċifika, jiena naħseb li kollha għandna nnaqqsu l-aspett egoċentiku tagħna. Għandna niżirgħu ż-żerriegħa tal-paċi, li jnibbtu t-tolleranza, ir-rispett u l-għaqda u nevitaw li niżirgħu ż-żerriegħa tal-mibegħda u l-firda.

**Kif nistgħu niżirgħu ż-żerriegħa tal-paċi?**

Fl-Iżlam, il-kunċett tal-paċi hu bbażat fuq żewġ aspetti. L-ewwel wieħed hu li tkun fil-paċi m'Alla u t-tieni wieħed hu li tkun fil-paċi miegħek innifsek u mal-bqija tad-dinja.

Iż-żerriegħa tal-paċi ma jistgħux jinżergħu qabel nagħrfu lil Alla Omnipotenti u jkollna rabta Miegħu, il-għaliex Huwa hu **s-'Sors tal-Paċi'**. It-tieni, għandna nkattru l-mogħdrija, l-imħabba u l-ġenerożità f'qalbna għall-umanità. Għandna nkunu poplu li minna t-tjubija tinfirex għal oħrajn.

> "Huwa Alla, u m'hemmx Alla ieħor ħliefu, is-Sovran, il-Qaddis, is-Sors ta' Paċi, Dak li joffri l-Kenn, Dak li jipproteġi, il-Qawwi, Dak li jikkontrolla, in-Nobbli. Imqaddes Alla *ħafna* aktar minn dak kollu li jassoċjaw *Miegħu*." (Il-Koran Imqaddes, 59:24)

L-Iżlam iħeġġeġ lill-Musulmani biex jimitaw, kemm jista' jkun, il-kwalitajiet t'Alla. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, iddikjara kemm-il darba li s-segwaċi tiegħu għandhom ikunu ġenerużi u rispettużi u jħabirku biex ixerrdu l-paċi fost in-nies.

Matul il-ħajja tiegħu, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ippromwova l-armonija interreliġjuża, ir-rispett reċiproku, il-fraternità, l-għaqda u l-ġenerożità. Huwa enfasizza l-ħtieġa għall-paċi f'kull livell tas-soċjetà – min-nukleu bażiku domestiku tal-familja għar-relazzjonijiet internazzjonali bejn il-pajjiżi. Huwa dejjem ħadem għal soċjetà tolleranti u inklussiva – soċjetà li tagħti kas, li tħobb, li tkun amikevoli u qalbha tajba. Huwa pproklama li Alla Omnipotenti xtaq li n-nies kollha, minkejja l-isfond etniku jew it-twemmin tagħhom, jgħixu fil-paċi u li l-valuri umani jkunu rikonoxxuti u stmati.

Dawn il-prinċipji huma ta' importanza vitali għat-tiżrigħ taż-żerriegħa tal-paċi.

Ejja naħdmu id f'id għall-paċi u l-prosperità għall-familja umana tagħna.

Ejja niżirgħu tant żerriegħa tal-paċi li d-dinja timtela bil-ferħ, bl-għaxqa u s-serenità. Ejja nagħmlu s-sena 2020 sena ta' għaqda u paċi universali.



Ico Maker | Shutterstock

**Jalla Alla jagħmel mis-Sena l-Ġdida sors ta' għadd ta' barkiet personali u komunali. Nixtiqulkom Paċi, Saħħa u Ġid.**
**Is-Sena t-Tajba.**

# IT-TWAQQIF TA' SOĊJETÀ MAGĦQUDA

Qed ngħixu fi żmien meta l-firda tinħass kullimkien. Il-firdiet reliġjużi u politiċi qed jiżdiedu b'mod mgħaġġel. Sfortunatament, id-dinja hi maqsuma fi blokki, f'interessi personali u fi klassijiet soċjali, u l-kultura ta' "aħna" u "huma" qed tinxtered ħafna.

F'dawn iż-żminijiet delikati, huwa evidenti li d-dinja għandha ħtieġa kbira ta' paċi, tolleranza, fehim reċiproku u armonija. Id-dinja għandha tingħaqad bil-valuri u l-virtujiet u twarrab dak kollu li jifridna, għaliex, **"flimkien inkunu sodi, mifruda nitfarrku"**.

Fit-3 ta' Diċembru 2019, l-MCAST ħa inizjattiva sabiħa fil-promozzjoni tal-kultura tat-tolleranza u l-armonija interreliġjuża billi fetaħ "Kamra għall-Kontemplazzjoni għar-Reliġjonijiet Kollha". L-awtoritajiet tal-Kulleġġ enfasizzaw l-importanza tagħha billi stqarrew:

"Dan il-kunċett qed jiddefendi d-diversità reliġjuża billi qed jakkomoda l-bżonnijiet spiritwali tal-istudenti mhux biss permezz tal-istaff u l-attivitajiet li jsiru, iżda wkoll bis-saħħa ta' spazju xieraq għal għadd ta' prattiki reliġjużi, spiritwali, u etiċi."

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana tissapportja u tapprezza immensament din l-inizjattiva. Il-Komunità Ahmadiyya titlob u tittama li din l-inizjattiva tkun strumentali biex tinħoloq atmosfera armonjuża. L-Iżlam iħeġġeġ lill-Musulmani biex ikattru l-armonija u jieħdu sehem fi djalogu interreliġjuż, kif jgħid il-Koran Imqaddes:

> "U min hu l-aqwa fit-taħdit minn dak li jressaq lill-*bnedmin* lejn Alla u jwettaq għemil sewwa u jgħid, 'Jien żgur wieħed minn dawk li jissottomettu ruħhom?' U t-tajjeb u l-ħażin mhumiex l-istess. Warrab il-*ħażen* b'dak li hu aqwa. U tara,



dak li kien għadu bejnu u bejnek isir bħallikieku kien ħabib għażiż." (41:34-35)

Kienet id-drawwa tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] li jinvolvi ruħu f'diskussjonijiet interreliġjużi ma' nies ta' twemmin differenti. Bl-istess mod, il-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana kien jilqa' kull opportunità biex jiddiskuti kwistjonijiet reliġjużi, u dejjem ippromwova l-armonija u r-rispett fost in-nies ta' kull reliġjon.

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana dejjem tat sehem kruċjali fil-bini ta' relazzjonijiet tajba u armonjużi mal-popolazzjoni lokali tagħha, u tibqa' tagħti sehemha fil-promozzjoni tal-armonija interreliġjuża. Ix-xogħol interreliġjuż li twettaq il-komunità jwassal biex jonqos l-estremiżmu u jinbnew il-pontijiet bejn in-nies ta' reliġjonijiet differenti, xi ħaġa li d-dinja li ngħixu fiha għandha tant bżonn biex il-bnedmin jimxu 'l quddiem.

# GĦOTJA TA' RIGALI



## Dar il-Kaptan

L-Imam Laiq Ahmed Atif u l-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana żaru Dar il-Kaptan u ltaqgħu mal-amministrazzjoni u mar-residenti u ppreżentaw 50 ħamper lis-Sinjur Silvan Magro, id-Direttur ta' Dar il-Kaptan, bħala rigal sabiex jitqassmu lin-nies u lill-familji li qed jibbenefikaw mis-servizzi offruti minn din ir-residenza.

## Caritas Malta



Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta ppreżentat 50 ħamper bħala rigal lill-Caritas Malta. Il-ħampers ippreżentahom il-President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, l-Imam Laiq Ahmed Atif, lis-Sinjur Anthony Gatt, id-Direttur ta' Caritas Malta. Dan sar bil-għan li l-ħampers jitqassmu lin-nies u lill-familji li qed jibbenefikaw mis-servizzi offruti minn Caritas Malta.


**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**